MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Numru. 323/2008

**Il-Pulizija**
**(Spett. Keith Arnaud)**

**vs.**

**Marlon Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Marlon Zarb ta' 19-il sena, bin Robert u Marcelline nee Portelli, imwieled il-Pieta nhar it-23 ta' Ottubru 1988, residenti gewwa 43, Anne Court, Flat 4, Triq Nazju Ellul Gzira, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 486288(M)

Akkuzat talli:

Bejn il-5 ta’ Marzu 2008 u l-20 ta’ Marzu 2008, xjentement xtara jew laqa` ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkunu indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Fatti**

M’hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri. Dawn il-fatti huma s-segwenti:

1. Fil-14 ta’ Marzu 2008 kien sar rapport mis-salesgirl ta’ Sterling Jewellers li jinsab gewwa l-Fortina Hotel Tigne, Sliema, li fil-5 ta’ Marzu 2008 kienu insterqu mill-hanut zewg crieket tad-deheb. Dawn iz-zewg crieket kienu:[1]

(i) curkett *solitaire* f’deheb abjad b’djamant wiehed ta’ 0.27, li l-cost price tieghu kien ta’ €330, u li kellu valur ta’ €715, u

(ii) curkett *trilogy* f’deheb abjad bi tlett djamanti kull wahda ta’ 0.2, li l-*cost price* tieghu kien ta’ €909, u li kellu valur ta’ €1950.

[1] Ara Dok JA a fol. 24 tal-process.

2. Mill-provi jirrizulta li dawn ic-crieket insterqu minn certu Neville Cassar, li min-naha tieghu kien biegh ghall-inqas wiehed mic-crieket – pero` mill-provi ma jirrizultax liema – lil Josmar Borg, li kellu hanut il-Gzira jbiegh id-detergents.

3. Josmar Borg ta dan ic-curkett lill-imputat, li jigi hu l-gharusa ta’ Borg, biex ibieghulu, ghax hu (Borg) ma kienx sab il-bejgh tieghu. Skont l-istqarrija tal-imputat, Josmar Borg qal lill-imputat biex ibieghu Lm200 (cirka € 466.00) ghax Borg qallu li kien xtrah Lm 150 jew Lm 160 (cirka € 350 jew € 373) u xtaq jaqla’ xi haga minn fuqu. Pero` fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat xehed li ma kienx jaf il-prezz li bih xtara Borg.[2]

4. L-imputat accetta li jbiegh dan ic-curkett bil-hsieb li jaqla’ xi haga tal-flus minn fuqu huwa wkoll. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, jghid li kien mar ghand hanut tad-deheb biex ibieghu ghal prezz ta’ Lm240 (€ 559.00), u li tal-hanut kien offrielu Lm80.00 (cirka €186.00) biex jixtrieh. Pero` l-imputat hass li dan l-ammont kien ftit, u ma accettax.

5. Fl-istqarrija l-imputat jghid li c-curkett tefghu fil-karozza u sussegwentement tilfu. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li ma riedx jghid lil Josmar Borg li kien tilef ic-curkett, u li allura qal lil Josmar Borg *“Jiena ghidtlu li Lm200 ma riedux ituna tieghu u tawni Lm 150, li minnha jien zammejt Lm50 biex niehu sehemi u hu jiehu Lm 100).* Izda fix-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri, l-imputat jghid li c-curkett kien tefghu fil-karozza ma’ curkett iehor go l-ashtray, pero` partat il-karozza u halla c-crieket fiha, u sussegwentement il-persuna ma` min partatha qallu li ma kienx sab crieket fl-ashtray.

Mhux kontestat li l-imputat ma kienx involut fis-serqa tac-curkett. Il-kontestazzjoni fil-kaz odjern hija jekk l-imputat kienx jaf li c-curkett kien misruq.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

[2] Ara xhieda tal-imputat a fol. 52 tal-process.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li dan il-kaz beda fil-25 ta’ Gunju 2008 u l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fl-10 ta’ Gunju 2009. Pero` l-imputat dam jipprokrastina biex itella` l-provi tieghu sas-seduta tal-20 ta’ Marzu 2003.
Rigward il-meritu, kif diga` inghad, dak li l-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk l-imputat kellux ix-xjenza, u cioe` *il-mens rea* li c-curkett li kien qed jipprova jinnegozja kien misruq.

Mill-provi migjuba, il-Qorti thoss li hemm zewg cirkostanzi importanti. L-ewwel wiehed huwa li kif xehed l-imputat stess, Josmar Borg li tah dan ic-curkett biex jinnegozjah, kien jiggestixxi hanut tad-*detergents* il-Gzira, u ma kienx fin-negozju tal-bejgh tad-deheb jew tac-crieket, tant li ma setax isib bejgh tieghu u tah lill-imputat biex isib il-bejgh tieghu. Pero` l-imputat xehed li kien jaf li Borg kien xtara dan ic-curkett minghand terza persuna, li sussegwentement sar jaf li kien jismu Neville. Diga` huwa stramb li wiehed jindahal biex jixtri curkett tad-deheb, meta hu (cioe Borg) ma kellux kuntatti lil min seta’ jbieghu. Fil-fatt l-imputat xehed hekk: *“(H)u* (Borg) *qalli, li dak kien se jzomm wiehed ghal ohti u qalli l-iehor nixtieq inbieghu ... ... Qalli jien ma nafx nies u hekk.”*[3] F’cirkostanzi normali, wiehed ibiegh oggetti tad-deheb ghand hwienet tad-deheb, u ghalhekk Borg ma kellux xi diffikulta enormi li jbiegh dan ic-curkett. Dan l-imputat kien jafu, ghax fil-fatt l-imputat mar jipprova jbiegh ic-curkett ghand hanut tad-deheb.

It-tieni cirkostanza hija li l-imputat kien jaf li Borg akkwista dan ic-curkett bi prezz inqas mill-valur tieghu. Fi kliem l-imputat stess: *“Bi ftit flus, ma nafx b’kemm flus, imma naf li inqas mill-valur, per kazu jekk ikun jiswa` per kazu elf, xtrah per kazu sitt mija. Dak biss kont naf.”*[4] Fl-istqarrija tieghu, forsi ghax saret *a tempo vergine*, l-imputat ta iktar dettalji dwar il-prezz li bih inxtara ic-curkett. Skont l-istqarrija tal-imputat, Josmar Borg qal lill-imputat biex ibieghu Lm200 (cirka € 466.00) ghax Borg qallu li kien

[3] Ara xhieda tal-imputat a fol. 52 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-imputat a fol. 53 tal-process.

xtrah Lm 150 jew Lm 160 (cirka € 350 jew € 373) u xtaq jaqla' xi haga minn fuqu. Issa jekk wiehed ghal beneficcju tal-imputat jiehu inkonsiderazzjoni il-valur tal-irhas curkett li nsteraq, dan kellu valur ta' €715. Ma hemmx dubbju li l-imputat kien jaf li dan curkett tad-deheb tant li mar jipprova ibieghu ghand hanut tad-deheb, pero` dan tal-ahhar ma riedx itih il-prezz li talbu. Issa huwa ferm stramb li curkett tad-deheb li kellu ghal tal-anqas djamant wiehed, jinbiegh b'nofs il-valur tieghu.

Dawn ic-cirkostanzi, joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw f'direzzjoni wahda, u cioe` li l-imputat kien konsapevoli li Josmar Borg ma kienx tah semplici curkett biex jinnegozzjah, imma li kien tah curkett misruq.

Ghaldaqstant, ix-xhieda tal-imputat li hu ma kienx jaf li c-curkett kien misruq mhix attendibbli fic-cirkostanzi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ghal beneficcju tal-imputat, il-valur tal-irhas curkett li nsteraq, u li kellu valur ta' €715.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ipprova jinnegozja c-curkett misruq, sabiex jaqla` l-flus minn fuqu.

Ghalkemm fi zmien li sehh ir-reat (2008) l-imputat kellu fedina penali netta, il-fedina penali aggornata tieghu hija wahda raffrettarja, u ghandu tlettax (13)-il kundanna fuq diversi tipi ta' reati inkluzi dawk relatati ma' sewqan ta' vetturi, pussess semplici ta' droga u serq. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu u fil-fatt inghata Probation Order, zewg ordnijiet ta' liberta kondizzjonata, erba' (4) sentenzi sospizi u diversi multi. Pero` jidher li l-imputat mhux qed jitghallem minn dawn l-opportunitajiet li tawh il-Qrati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 334, 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------